**27 ta' April, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Lucia Azzopardi et.

*versus*

Maria Vella

**Kuntratt — Lokazzjoni — Interpretazzjoni — Prova — Inkonvenjent.**

*Il-liġi tgħid illi kull persuna għandha tiġi meqjusa li ppromettiet jew stipulat għaliha nnfisha, għall-eredi tagħha, u għall-aventi kawża minnha; però l-liġi tagħmel espressament eċċezzjoni għall-każ illi l-kuntrarju jkun stabbilit espressament mill-liġi, jew mifiehem bejn il-partijiet, jew ikun jidher minn natura tal-ftehim. B'mod illi, jekk mil-fatti jidher illi min ftiehem jew stipula għamlu fl-interess tiegħu personali biss, mingħajr idea li jittrasmetti d-drittijiet li huwa jkun irriżerva għalieh lill-eredi jew aventi kawża tiegħu, dawn ma jistgħux jippretendu li jgawdu dawk id-drittijiet hekk riżervati minnu huma wkoll.*

*Fost il-każijiet li fihom il-prova orali hija ammissibbli kontra l-miktub hemm dak meta l-prova hija diretta biex tipprova ftehim kollaterali li ma jirriżultax mill-miktub; dik ir-regola, li ma humiex ammissibbli provi orali kontra l-miktub, ma teskludix li jiġi pruvat ftehim verbali li jammonta għal kondizzjoni li għaliha kien suġġett il-ftehim li sar bil-miktub, u li għaliha kienet suġġetta l-eżekuzzjoni tal-ftehim miktub.*

*Ċertament hu veru, bħala prinċipju, illi meta l-kuntratt hu assolutament ċar u bla dubju ma jistgħax jiġi nvokat kontra l-ftehim ta' dak il-kuntratt xi inkonvenjent li jiġi kaġunat bl-eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt; imma meta l-ftehim, fiċ-ċirkustanzi kollha, jista' jiftiehem f'żewġ modi, allura l-argument tal-inkonvenjent, bħal l-argument tal-assurdità, jista' jkollu saħħa kbira fl-interpretazzjoni tal-ftehim. Hekk, fil-każ ta' lokazzjoni li fiha l-lokatur iżomm ċerti drittijiet*

*fuq il-fond mikri lill-kerrej li l-eżerċizzju tagħhom jikkrea nkonvenjent kbir lill-kerrej, jekk tqum kwistjoni jekk dawk id-drittijiet il-lokatur irriżervahomx għalieh innifsu biss u personalment, jew irriżervahomx ukoll favur minn jiġi warajh, l-inkonvenjent kreat bl-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet għandu jkollu piż kbir fis-soluzzjoni tal-kwistjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, premess li huma l-proprijetarji tal-fond 22 u 23 Main Street, Rabat; u premess li l-konvenuta tikri minn għand l-atturi xi partijiet tal-istess fond bid-dħul minn numru 22 Main Street, u ċjoè il-fond kollu ad esklużjoni tal-ġnien, ir-raff, il-gabinett li hemm fit-taraġ ta' fuq nett, u ż-żewġ kmamar fil-fond tal-bitħa, u bid-dritt tal-atturi li jidħlu mill-bieb numru 23 biex jaċċedu għall-partijiet fuq indikati li ma humiex mikrija lill-konvenuta, u li jisservew mill-ilma tal-bir; u premess li l-konvenuta qegħdha timpedixxi lill-atturi milli jgħaddu mill-entrata tan-numru 23 Main Street, Rabat, billi wkoll ingumbrat din l-entrata b'għamara u oġġetti oħra; u peress li l-konvenuta qegħdha tokkupa abużivament il-kumditajiet tal-fond li ma humiex mikrija lilha, u qegħdha tfixkel u timpedixxi lill-atturi milli jaċċedu għal dawk il-kumditajiet; premessa kwalunkwe dikjarazzjoni u mogħti kwalunkwe provvediment opportun, talbu li l-konvenuta, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss (1) tneħħi kull ingombru u tfixkil mill-entrata tal-fond fuq indikat mill-bieb numru 23 Main Street, Rabat, u tħalli liberu l-aċċess tal-atturi għall-partijiet tal-fond li ma humiex mikrija u li ssemmew fuq; (2) u tirrilaxxja favur l-atturi l-kumditajiet tal-istess fond li hija qegħdha tuża u tokkupa abużivament u bla ebda titolu, u ċjoè ir-raff, il-gabinett li hemm fit-taraġ ta' fuq nett, u ż-żewġ kmamar li hemm fil-fond tal-bitħa. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Ottubru 1961, li biha laqget it-talbiet tal-atturi — l-ewwel waħda kif kjarifikata preċedentement — u għall-finijiet tat-talbiet ipprefiġġiet lill-konvenuta perijodu ta' ħmistax il-ġurnata; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta; wara li kkunsidrat;

L-atturi huma legatarji tal-fondi 22 u 23 Main Road, Rabat skond it-testment tan-Nutar Francesco Catania tat-13 ta' Mejju 1959 (dok. A);

Fit-13 ta' Lulju 1946, il-fondi, permezz tal-Housing Department, ġew mikrija lil żewġ il-konvenuta, il-lum mejjet, bil-mod indikat fir-riċevuta bid-data tal-25 ta' Lulju 1947 (dok. a fol. 23). Kif jidher minn dan id-dokument, is-sid, Nutar Catania irriżerva għalieh mill-imsemmija fondi, jew aħjar fond, "ir-raff, u l-gabinett li hemm fit-taraġ ta' fuq nett, u ż-żewġ kmamar li hemm fil-fond tal-bitħa u li minnhom tidħol għall-ġnien tal-istess lok...... u wkoll dan il-ġnien". Is-sid żamm ukoll "id-dritt li jidħol fi kwalunkwe ħin f'dan il-lok mill-bieb numru 23 għall-porzjoni mill-istess lok a favur tiegħu riżervata u li jisserva mill-ilma tal-bir". Kif ukoll xehdet il-konvenuta (fol. 40 tergo), dawn il-kondizzjonijiet jew riżervi ġew aċċettati mill-inkwilin żewġha;

Il-konvenuta tippretendi li r-riżervi msemmija saru biss għal matul il-ħajja tan-Nutar Catania;

Għandu jiġi rilevat illi l-konvenuta, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-18 ta' Ottubru 1960, ġiet kundannata tiżgombra u tirrilaxxja l-ġnien bil-bieb no. 23 Main Street Rabat, billi kienet qegħdha tokkupah mingħajr titolu;

Il-pretensjoni tal-konvenuta dwar l-ambjenti f'din il-kawża hija nsostenibbli. Xejn ma ntqal fis-sens tal-pretensjoni tal-konvenuta fit-testment riferit, u r-riżervi li saru fl-irċevuta huma inkondizzjonati u bla terminu. Jiżdied ma' dan, illi, kif xehdet Grazia Vella bint il-konvenuta (fol. 41), in-Nutar Catania anki ċavetta kellu mit-tnejn tal-bieb prinċipali numru 23, biex ikun jista' juża l-entrata bħala aċċess għall-ambjenti minnu riżervati; u illi, skond in-Nutar Salvatore Abela (fol. 49), fir-"return" tal-Income Tax li n-Nutar Catania għamel fis-sena 1959 u fis-sena 1960, xahar qabel miet, huwa ddikjara li mill-fond in kwistjoni hu kien qiegħed jokkupa "kċina ntiera, il-griebeġ kollha, u ġardinetta magħhom, parti minn kamra, u raff". In-Nutar Catania kien fil-fatt jagħmel użu mill-ambjenti li rriżerva;

u meta fl-10 ta' Mejju 1959 il-Bord li Jirregola l-Kera ffissa l-kera tal-fond numru 22, dan għamlu limitatament għall-kumditajiet tad-dar okkupati mir-rikorrenti" (fol. 9 u 10);

L-avukat tal-atturi spjega l-ewwel talba rigward l-ingombru u t-tfixkil tal-entrata mill-bieb numru 23 fis-sens illi dan ma jikkonsistix f'mobilja li għandha hemmhekk il-konvenuta, imma filli l-konvenuta mhix tippermetti aċċess lill-atturi minn dik l-entrata għall-ġnien u l-ambjenti l-oħra speċifikati fiċ-ċitazzjoni. Kif diġa' ġie rilevat, il-konvenuta kienet ġiet mill-Qorti tal-Maġistrati kundannata tiżgombra l-ġnien riferit li għandu l-bieb numru 23 Main Street, Rabat;

Hekk it-talbiet tal-atturi huma ġustifikati — l-ewwel talba fis-sens premess kif spjegat mill-atturi;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuta, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tiġi revokata, billi jiġu miċħuda t-talbiet tal-atturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni hi jekk ir-riżerva tal-użu ta' ċerti ambjenti magħmula minn Nutar Catania kellhiex tkun personali għalieh, u sseħħ matul ħajtu inkella għandhiex titqies bħala trasmessa lill-atturi, legatarji tiegħu;

Qabel xejn għandu jiġi rilevat illi, għalkemm il-fond jidher li għandu żewġ bibien għal fuq it-triq, markati bin-numri 22 u 23, il-bieb prinċipali u l-entrata tal-fond huwa n-numru 23: il-bieb l-ieħor (dok. 22), kif qalet Grazia Vella (fol. 41), "hu bieb ċkejken u ma jinfetaħ qatt";

Issa, fis-sentenza appellata ġew kunsidrati bħala ċirkustanzi kuntrarji għat-teżi tal-appellanti, u favorevoli għal dik tal-appellati, ċerti fatti li din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma jidherx li jgħinu bl-ebda mod fis-soluzzjoni tal-vera kwistjoni. Iċ-ċirkustanzi huma dawn;—

(a) Illi, skond ix-xhieda ta' Grazia Vella, in-Nutar Catania kellu ċavetta tal-bieb prinċipali biex ikun jista' juża l-entrata bħala aċċess għall-ambjenti riżervati minnu;

(b) Illi, skond ix-xhieda tan-Nutar Salvatore Abela, fir-"returns" tal-Income Tax għas-snin 1959 u 1960 in-Nutar Catania kien iddikjara li kien jokkupa ċerti ambjenti mill-fond;

(ċ) Illi n-Nutar Catania kien fil-fatt jagħmel użu minn dawk l-ambjenti;

(d) Illi, meta fl-1950 il-Bord tal-Kera ffissa l-kera tal-fond, dan għamlu limitatament għall-kumditajiet tad-dar okkupati mir-rikorrenti, ċjoè minn żewġ l-appellanti;

Fil-fehma tal-Qorti, dawn huma kollha ċirkustanzi li ma jsaħħu bl-ebda mod it-teżi tal-appellati, u ma huma bl-ebda mod inkonsistenti jew konfliġġenti mat-teżi tal-appellanti. In-fatti, ma hemm ebda kwistjoni, u l-appellanti ma tiċħdux, illi n-Nutar Catania "nnifsu" fil-fatt kellu l-użu tal-ambjenti kontroversi u l-aċċess għall-ġnien (dwar il-ġnien ma għadx hemm kwistjoni in vista tal-ġudikat fol. 19). Ġa ladarba "hu" kellu dak l-użu, kien naturalissimu illi "hu" jkollu ċavetta tal-bieb mnejn kien ġie għalieh riżervat l-aċċess. Kien ukoll naturali illi, skond il-liġi dwar l-Income Tax, in-Nutar Catania jiddikjara fost l-income tiegħu il-valur annwali tal-kumditajiet, proprijetà tiegħu, riżervati u gawduti minnu; kien ikun jagħmel kontravvenzjoni għal dik il-liġi kieku hu ma ddikjarax dak il-valur, għax fil-fatt dak iż-żmien dawk il-kumditajiet kienu fid-dgawdija tiegħu. Fl-aħħarnett, kien ukoll naturali illi fl-1950, ċjoè fiż-żmien meta n-Nutar Catania kien irriżerva, u fil-fatt kien juża ċerti ambjenti mill-fond hu stess, il-Bord tal-Kera ma kkunsidrax, għall-finijiet tal-fissazzjoni tal-kera xieraq, ħlief il-kumditajiet li dak iż-żmien kienu okkupati u gawduti mil-familja tal-appellanti;

Għar-rigward ta' dan l-aħħar fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata, issottolineat illi l-Bord iffissa l-kera tal-fond numru 22. Donnu jidher illi minn dan it-tieħed xi argument avvers għall-appellanti fis-sens ta' xi

ammissjoni da parti ta' żewġha illi hu kien jikri biss dak il-fond nru. 22, u ma kellu xejn mil-fond 23. Però, ġa ġie rilevat illi dawn mhumiex żewġ fondi, iżda fond wieħed b'entrata waħda verament użata, dik nru. 23, fejn l-appellata sa għandha l-mobbli tagħha. Jekk mill-proċeduri quddiem il-Bord jista' jittieħed xi argument (u din il-Qorti mhix sejra tagħtieh ħafna mportanza), dan jidher li jista' jkun aktarx favorevoli milli kuntrarju għall-appellanti. Infatti, fir-rikors għall-fissazzjoni tal-kera xieraq, magħmul minn żewġ l-appellanti, f'Lulju 1949, hu talab li jiġi fissat il-kera għall-fond kollu, għad illi ndikah biss bin-numru 22. Infatti, fir-rikors hu semma l-kera li kien qiegħed iħallas, ċjoè £23 fis-sena, li kien il-kera għall-fond kollu. Jidher illi, meta l-membri tekniċi tal-Bord spezzjonaw il-fond, huma rrealizzaw illi ċerti kumditajiet u faċilitazzjonijiet kienu fil-fatt qed jiġu gawduti mis-sid, u għalhekk fir-rapport tagħhom huma żiedu bil-linka fuq il-karta ttajpjata l-kliem "in respect of part of house", b'riferenza għall-kera li dehrilhom ġust. Kien għalhekk illi fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord stabbilixxa l-kera "għall-kumditajiet tad-dar okkupati mir-rikorrent", ċjoè wara li kkunsidra n-nuqqas ta' dgawdija mill-fond li r-rikorrent dak iż-żmien kellu minħabba l-użu li kien irriżerva għalieh u li kien jagħmel, minn ċerti partijiet, in-Nutar Catania;

Jekk tneħħi l-fattijiet fuq imsemmija, li huma irrilevanti għall-vera kwistjoni tal-kawża, ma jibqgħax fis-sentenza appellata, in sostenn tat-teżi tal-appellati, ħlief it-termini tal-irċevuti fol. 11. F'dik is-sentenza ssemma wkoll it-testment tan-Nutar Catania, u ġie rilevat, kontra l-appellanti, illi "xejn ma ntqal fis-sens tal-pretensjoni tagħha". Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan ir-riljev hu ġust jew f'loku. L-argument, jekk xi ħaġa, imissu jkun il-kuntrarju. B'dak it-testment in-Nutar Catania ħalla lill-appellati "l-proprijetà" tal-fond li ġie msemmi "fl-interezza tiegħu", ċjoè tant għal dawk il-partijiet li ndubbjament kien igawdi l-kerrej kemm għal dawk l-ambienti li n-Nutar kien irriżerva għalieh. Trattandosi ta' fond illi fil-parti prinċipali tiegħu kien gawdut u okkupat mill-kerrej, u t-testatur kien biss irriżerva xi drittijiet għalieh, wieħed kien jistenna illi kieku t-testatur kellu l-intenzjoni li jittrasmetti lill-legatarji, "barra l-proprijetà tal-fond", anki dawk id-drit-

tijiet ta' dgawdija hekk riżervati, kien jgħidu fit-testment, meta wieħed iqies ukoll illi hi ħaġa barra mill-ordinarju illi ġo fond mikri lil ħadd ieħor is-sid jirriżerva xi ambjenti għalieh. Il-fatt li ma qal xejn f'dispożizzjoni partikulari għandu jfisser illi hu ma ntendiex jittrasmetti dawk id-drittijiet. Biex l-appellati ma jkollhomx dik id-dgawdija xejn ma kien hemm bżonn li jingħad fit-testment, bħal ma xejn ma kien hemm bżonn li jingħad, u ma ngħad, għall-bqija tal-fond. Kien ikun hemm bżonn li jingħad, jew għall-anqas wieħed kien aktarx jistenna li jingħad, biex huma "jkollhom" dik id-dgawdija;

Imma jekk stess dan mhux validu, żgur illi l-aqwa li jista' jiġi argumentat favur l-appellati mis-silenzju fit-testment hu illi dan ma jippreġudikahomx; imma ugwalment ma jippreġudikax b'ebda mod it-teżi tal-appellanti;

Jekk huwa hekk, allura favur it-teżi tal-appellati ma jibqgħax, skond il-proċess, ħlief it-termini tal-irċevuta fuq imsemmija;

Biex l-irċevuta tista' tiġi nterpretata sewwa, fis-sens li jirriżulta x'kienet l-intenzjoni preżumibbli tal-partijiet, jeħtieġ li jintħarsu ċ-ċirkustanzi li fihom il-ftehim sar;

Fis-16 ta' Frar 1946 il-fond in kwistjoni, li kien ser jiġi vakat minn dak li allura kien qiegħed jokkupah, ġie rekwiżizzjonat mil-Housing Commissioner, u kopja tar-"requisition order" ġiet notifikata anki lin-Nutar Catania. Fl-24 ta' Mejju ta' wara n-Nutar kiteb lill-Housing Officer tar-Rabat l-ittra markata (15A) fil-file eżibit. Fiha spjega illi dan il-fond kien dak iż-żmien okkupat f'parti (ċjoè b'ċerti ambjenti riżervati għan-Nutar) minn ċertu Agius, u li meta dan fisser li kien bi ħsiebu jmur joqgħod Bormla, in-Nutar wiegħed "to let the said premises to Maria wife of Innocenza Vella" (ċjoè l-appellanti). Ir-raġuni li ta għaliex ried jikri l-fond lilha kienet illi din Maria Vella kienet oħt is-serva tiegħu. "and especially for the reason that I am 73 years old, single, and have no near relations who care for me, and whenever I require assistance of any kind, particularly on account of illness befalling me or my house-maid, such assistance has always and unstintedly

been given by the members of the said family Vella. Being the said premises situated at a few yards distance from my house of residence, I hoped to find such assistance to be more at hand if these premises be occupied by the said Vella family. This apart from the fact that I have household effects stored in such premises, a poultry pen in the garden annexed thereto, and a valuable collection of flowers in bulbs planted in said small garden";

Wara din l-ittra tan-Nutar il-Housing Commissioner kitiblu l-ittra (red 16), fejn qallu illi hu kien dispost jikkunsidra li jirtira r-"requisition order on the said premises, if you submit an affidavit to the effect that the house was promised to the Vella family before the issue of the Requisition Order";

Fl-ewwel ta' Ġunju n-Nutar ħalef dan l-affidavit, fejn iddikjara illi "subject to the keeping for my own use that part of my premises at Rabat, no. 23 High Street, now occupied by the household effects and poultry, as also the garden annexed thereto, I promised the said premises to the Vella family long before the issue of the Requisition Order";

In vista ta' dan, ir-rekwiżizzjoni ġiet irtirata u ċ-ċwievet tal-fond ġew konsenjati lin-Nutar Catania "on condition of letting same to the Vella family";

Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-preċedenti huma mportantissimi, għax jippruvaw dan li ġej:—

1. Il-fond ġie rekwiżizzjonat kollu, u n-Nutar kien jitlfu kollu kieku ma sarx l-arranġament favur il-familja tal-appellanti;

2. It-tenur kollu tal-korrispondenza hu fis-sens illi l-fond kollu jinkera lil dik il-familja, suġġett biss illi n-Nutar jirriżerva l-ġnien u ċerti kumditajiet "for his own use";

3. In-Nutar ried iżomm l-użu ta' dawn il-kumditajiet għax kien jużahom għal skopijiet strettament personali,

ċerti pjanti li hu kien dilettant tagħhom, xi tjur ukoll għad-delizzju jew rikreazzjoni personali u forsi għall-użu tad-dar tiegħu, u xi affarijiet tad-dar ("household effects") li preżumibbilment ma kellux biżżejjed spazju għalihom fid-dar tiegħu;

4. Hu ried illi l-kiri jsir lil Vella għar-raġunijiet strettament personali, minħabba li kellu bżonnhom biex iduru bih u kienu qieshom familjari tiegħu;

U meta wieħed iħares lejn il-mod li bih in-Nutar stess ifformula l-irċevuta in kwistjoni, wieħed jara li dan l-użu personali kien intiż fir-riżerva li għamel. Hu ma qalx li kera lil Vella parti mil-fond, jew xi ambjenti biss. Hu qal illi kera l-fond biż-żewġ numri, biss żied jgħid illi kellu "riżervati għalieh" ir-raff, il-gabinett li hemm fit-taraġ ta' fuq nett, u ż-żewġ kmamar li hemm fil-fond tal-bitħa u li minnhom tidħol għall-ġnien, li hu wkoll irriżerva favur tiegħu, u fl-istess ħin żamm id-dritt li jidħol fi kwalunkwe ħin f'dan il-lok mill-bieb nru. 23 għall-porzjoni mill-istess lok favur tiegħu riżervata";

L-uniku argument tal-appellati huwa illi f'dik l-iskrittura ma jingħadx espressament illi r-riżerva li għamel in-Nutar kienet personali u kellha tispiċċa ma' mewtu. Iżda l-Qorti hi ta' fehma ċara illi, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, dak l-argument ma jistgħax jiġi aċċettat. Ġa ntqal aktar il-fuq illi n-natura stess tal-arranġament, u ċ-ċirkustanzi li għalihom u fihom saret dik ir-riżerva, juru minnhom infushom ir-raġunijiet personali tagħha. Kif jidher mill-minuta (20) fil-file, il-fond hu aktarx żgħir, u l-familja tal-appellanti kienet kbira. "Premises consist of three medium size rooms and sanitary conveniences", kiteb il-Housing Officer; "in my opinion these premises are rather small to house Mr. Vella's numerous family". Billi, però, kif ġie rilevat, kien hemm relazzjonijiet ta' ħbiberija intima, kważi familjari, bejn ta' Vella u n-Nutar, huma aċċettaw illi jidħlu fil-fond bil-patt illi n-Nutar kważi jaqsam magħhom id-dgawdija tiegħu. Huma kienu jafu, minħabba dawk ir-relazzjonijiet, li "minnu" ma kienux sejrin ikollhom soġġezzjoni, jew sikkatura u nkonvenjenti kbar. Il-kamra stess, jew gabinett fejn in-Nutar kellu xi affarijiet tiegħu,

anqas qatt kien jaqfilha, u ċ-ċavetta ta' barra kienet tużaha, meta n-Nutar ma kienx jista' jmur, is-serva, li kienet oħt l-appellanti. Tat-tiġieġ, li n-Nutar kellu fil-fond sa anki meta n-Nutar marad, kienet teħodlu ħsieb l-istess appellanti (fol. 50 u 56 tergo);

Issa, skond ix-xhieda tal-Kanonku Fabri (fol. 56), wara l-mewt tan-Nutar l-oġġetti tiegħu li kien hemm fil-fond ittieħdu, kif ukoll tneħħew l-annimali li hu kellu fil-ġnien. Ir-raff tneħħa bl-ordni tas-Sanità, għax kien imsewwes;

Issa, il-liġi li tgħid illi "every person shall be deemed to have promised or stipulated for himself, for his heirs, and for the persons claiming through or under him" tagħmel espressament eċċezzjoni għall-każ illi l-kuntrarju "is expressly established by law, or agreed upon between the parties, or appears from the nature of the agreement". Kif ġa ntqal, din il-Qorti hi ta' fehma illi fil-każ preżenti l-kuntrarju jirriżulta minn natura tal-ftehim fiċ-ċirkustanzi u għall-iskop li sar;

Imma jirriżulta wkoll mill-ftehim espress. Dan hu każ fejn il-Qorti jidhrilha illi l-prova orali hija ammissibbli — u fil-fatt ġiet ammessa mill-Ewwel Onorabbli Qorti — biex tipprova ftehim kollaterali li ma jirriżultax mill-miktub. Kif ġie spjegat fis-sentenza pjuttost reċenti ta' din il-Qorti, fil-kawża "Lungaro Mifsud ne, vs. Polidano", 28.10.1960, ir-regola li "testes ne recipiantur contra tabulas" "does not exclude evidence of an oral agreement, which amounts to a condition subject to which the written agreement has been entered into, and subject to which the performance of the written agreement is to depend". Iċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ huma favorevoli għall-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, xejn anqas milli f'dak il-każ. Issa, l-appellanti xehdet li l-ftehim man-Nutar Catania għamlitu hi, u li meta krew il-post in-Nutar qalilhom li ser iżomm "għas-servizz tiegħu sakemm idum ħaj" l-ambjenti in kwistjoni (fol. 40). Fl-istess xhieda hi reġgħet tenniet li r-riżervi n-nutar għamilhom għal matul ħajtu, u li wara mewtu kollox jibqa' għalihom (ibid. tergo). Dan il-ftehim hu konfermat mit-tifla tal-appellanti Grazia Vella,

li kienet ma' ommha waqt il-ftehim, u li qalet illi f'dik l-okkażjoni n-Nutar talabha, sakemm imut, iċċedilu dawk l-ambjenti u mbgħad wara mewtu jibqa' kollox għalihom. Il-Qorti ma għandha ebda raġuni biex ma temminx lil dawn iż-żewġ xhieda, li ma huma bl-ebda mod kontraddetti minn ħadd, u li d-dikjarazzjoni tagħhom hi, anzi, wisq verosimili fiċ-ċirkustanzi;

Wieħed anqas għandu jinjora l-konsegwenzi li t-teżi tal-appellati ġġib magħha kieku kellha tipprevali, għar-rigward tad-dgawdija paċifika tal-bqija tal-fond mikri lill-appellanti. Ġa ntqal illi dan hu fond żgħir, b'entrata użata waħda, bil-mobbli tal-appellanti ġo fiha. Ċertament hu veru, bħala prinċipju, illi meta l-kuntratt hu assolutament ċar u bla dubju, f'ċertu sens "adducere inconveniens non est argumentum". Iżda meta l-ftehim, fiċ-ċirkustanzi kollha, "is fairly open to two constructions...... then the argument of inconvenience, like the argument of absurdity, may be used with great force" (Beal, Cardinal Rules of Legal Interpretation (1924), p. 218). L-appellati huma issa tmienja minn nies; għada s-sidien jistgħu jkun mija; kollha nies barranin, u forsi (dejjem a differenza tan-Nutar Catania) ostili għall-appellanti, u forsi (dan mhux qed jingħad għall-appellati personalment, imma "ex hypothesi") ta' manjieri u kondotta mhux deżiderabbli. Żgur illi ma kienetx l-intenzjoni tan-Nutar, li kien iħobb u jirrispetta lill-familja tal-appellanti li meta hu żamm l-użu ta' ċerti faċilitajiet għalieh innifsu, bid-dritt li jkollu ċ-ċavetta tal-post f'idejh u li jidħol u joħroġ fi kwalunke ħin, hu ntenda jassoġġettahom għall-inkonvenjent ta' dik ix-xorta mil-barranin legatarji tiegħu; u huwa aktar żgur illi l-appellanti ma kellhiex fl-intenzjoni tagħha li taċċetta konsegwenzi simili, speċjalment meta kellha l-okkażjoni li t'eħu l-fond mill-Housing bla ebda riżerva "għax kien hu", u għax ir-riżervi kienu sejrin isiru "għalieh biss";

Fuq il-ġnien, kif ġa ntqal, il-lum hemm ġudikat, u għalhekk ma jiffurmax parti mill-meritu ta' din il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad it-talba tal-atturi;

salv kull dritt li l-appellanti jista' jkollhom għar-reviżjoni tal-kera tal-fond "si et quatenus" skond il-liġi. L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi, bla taxxa; ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jħallsuh l-atturi.